**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

## GUDIKATUR: DR JOSEPH REFALO LL.D. Adv.Trib.Eccl.Melit,

## Seduta ta' nhar it-Tlieta, 6 ta' Novembru, 2001

**Numru 13**

**Avviz. numru 748/01JR**

**John Baptist Zammit**

**vs**

**Doreen Busuttil**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fl-14 ta' Awissu, 2001, fejn intalab il-hlas ta' erba' mija sitta u erbghin lira Maltija (Lm446.00), u fejn intqal:**

**Illi fil-21 ta' Gunju, 2000, il-konvenuta akkwistat televizjoni, telefon cellulari u xi oggetti ohra minghand l-attur;**

**Illi l-attur ta' l-possibilita` lill-konvenuta thallas f'rati mensili;**

**Illi l-konvenuta hallset biss l-ewwel pagament ta' tletin lira (Lm30) mir-rati**

mensili miftiehma;

Illi ghalhekk il-konvenuta ghandha l-obbligu li thallas ir-rimanenti bilanc tal-prezz fuq l-affarijiet li hija xtrat u li qieghda tgawdi;

Illi dan il-bilanc tal-prezz huwa ta' erba' mija sitta u erbghin lira Maltija (Lm446.00);

Illi l-attur talab lill-konvenuta thallas dan il-bilanc kemm il-darba, dan anke permezz ta' l-ittra ufficjali mibghuta lilha f'Gunju, 2001;

Illi l-konvenuta baqghet ma wettqitx l-obbligi taghha favur l-attur;

Ghaldaqstant l-attur qed jitlob li l-konvenut ihallas l-imsemmi bilanc tal-prezz, bl-ispejjez u bl-imghax.

Ra li l-konvenuta debitament notifikata baqghet ma dehritx u lanqas ma pprezentat risposta.

Semgha x-xhieda ta' John Baptist Zammit li kkonferma li l-ammont mitlub fl-avviz ghadu kollu dovut. Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13(b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenuta thallas lill-attur is-somma ta' erba' mija sitta u erbghin lira Maltija (Lm446.00), bl-imghaxijiet legali mit-8 ta' Ottubru, 2001.

L-ispejjez ta' dina l-istanza ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenuta.

**Dr Joseph Refalo**
**GUDIKATUR**